MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2006

Numru. 858/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**

**vs**

**LOUIS ZAMMIT bin Michael Angelo u Carmela nee' Grech imwieled fit-18 ta' Awissu, 1973 u residenti Zammit, Triq San Blas, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 19173G**

**FRANCESCO CAMILLERI bin Angelo u Assunta nee' Muscat imwieled fil-11 ta' Jannar, 1945 u residenti 156, Triq San Blas, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 425081(M)**

**Seduta ta' llum 14 ta' Novembru, 2006.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputati **LOUIS ZAMMIT** bin Michael Angelo u Carmela nee' Grech imwieled fit-tmintax ta' Awissu, 1973 u residenti 'Zammit', Triq San Blas, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 19173G u **FRANCESCO CAMILLERI** bin Angelo u Assunta nee' Muscat imwieled fil-hdax ta' Jannar, 1945 u residenti 156, Triq San Blas, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 425081M gew imressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn l-ahhar xhur u specifikament bejn is-sitta ta' Lulju, 2006 u t-tnax ta' Lulju, 2006 f'ghalqa accessibli minn Triq San Blas, Nadur, Ghawdex minghajr il-hsieb li jaghmlu hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, dejjqu id-dhul u l-hrug tieghu u oltre dan fethu bieb minn ghalqa ta' terzi u ghal fuq din l-entratura komuni.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavit ta' PS 239 Joseph Mizzi u l-okkorrenza datata wiehed u tletin ta' Lulju 2006.

Semghet lix-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni u cioe lil Peter Paul Camilleri.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuza ma tirrizultax ippruvata ghas-sodisfazzjon taghha w ghalhekk **il-Qorti, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputati LOUIS ZAMMIT u FRANCESCO CAMILLERI hatja tal-akkuza kif dedotta fil-konfront taghhom u tilliberhom minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------